MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appelli Inferjuri Numru: 34/2019 LM

**Christian Larsson (Passport number: 88356264)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**HeliMalta Limited (C51647)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata, hawnhekk "l-appellanta", **HeliMalta Limited** (C51647) minn deċiżjoni [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] tat-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] mogħtija fit-12 ta' April, 2019, fejn l-imsemmi Tribunal iddeċieda illi t-tkeċċija tar-rikorrent

**Christian Larsson** (Passport number: 88356264) mill-impjieg mas-soċjetà intimata ma kinitx waħda ġusta u konsegwentement:

> *"Għalhekk, it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li r-Rikorrent Christian Larsson ġie liċenzjat minn mas-soċjetà HeliMalta Ltd (Company number C 51647) mingħajr kawża ġusta u suffiċjenti bi ksur ta' dak li teħtieġ il-Liġi.*
>
> *It-Tribunal Industrijali jillikwida I-kumpens dovut Iil Christian Larsson minn HeliMalta Limited (Company number C 51647) fl-ammont ta' €21,523.06 (wieħed u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u għoxrin Euro u sitt ċenteżmi). Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien erba' ġimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni."*

## Fatti

2. Ir-rikorrent **Christian Larsson** istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali wara li ġie tterminat l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata fejn kien jaħdem *full time* bħala *professional airport pilot* fil-kategorija ta' Kaptan ATPL. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali nbdew peress li r-rikorrent ilmenta li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata kienet inġusta u konsegwentement jistħoqqlu il-ħlas ta' kumpens.

## Mertu

3. Ir-rikorrent beda jaħdem mas-soċjetà intimata fil-11 ta' Diċembru, 2017 fuq kuntratt indefinit. Ir-rikorrent allega li l-impjieg tiegħu ġie terminat inġustament permezz ta' *email* datata 29 ta' Awwissu, 2018 mibgħuta lilu minn Sandra Lopez, 'HR Administrative' tas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent jgħid ukoll illi s-soċjetà intimata qatt ma ħadet xi passi dixxiplinarji kontra tiegħu u qatt ma

kien mitlub jidher quddiem xi bord ta' dixxiplina imwaqqaf għal dan l-iskop mis-soċjetà intimata. Ir-rikorrent allega wkoll li huwa għadu bla paga ta' Lulju 2018, kif ukoll ta' Awwissu 2018, u qal ukoll li huwa ma kien ingħata l-ebda *notice.* Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata għad li kienet debitament notifikata bir-rikors promotur, ma ppreżentat l-ebda risposta u lanqas kienet preżenti waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Fit-12 ta' April, 2019, it-Tribunal laqa' t-talba tal-appellat wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *Konsiderazzjonijiet*
>
> *It-Tribunal kellu quddiemu sitwazzjoni fejn il-fatti tal-każ ġew ippreżentati mir-rikorrent biss filwaqt li s-socjetà HeliMalta Ltd (company number C 51647) għażlet li la tagħmel dikjarazzjoni tal-fatti u anqas tidher quddiem it-Tribunal.*
>
> *Minkejja li t-Tribunal ma għandu l-ebda obbligu li jiddiferixxi s-seduta meta parti tagħżel, minn jeddha, li ma tidhirx quddiem it-Tribunal mingħajr raġuni valida jew mingħajr ma titlob postponiment lit-Tribunal, it-Tribunal xorta stenna u ta zmien biex is-soċjetà tirregolarizza ruħha mal-proċeduri tat-Tribunal u tersaq quddiem it-Tribunal biex twieġeb għall-allegazzjonijiet kontriha.*
>
> *Minkejja li s-soċjetà ġiet notifikata tliet darbiet, fejn il-mezzi ta' notifikazzjoni kienu kemm bil-posta reġistrata u bil-posta normali, is-soċjetà HeliMalta Ltd baqgħat ma bagħtet qatt dikjarazzjoni tal-fatti u anqas deheret quddiem it-Tribunal kif u meta notifikata.*
>
> *Għaldaqstant, it-Tribunal kien kostrett jaħdem u jikkonsidra biss l-evidenza ppreżentata mir-rikorrenti Christian Larsson. It-Tribunal ifakkar li t-Tribunal huwa istituzzjoni f'pajjizna li l-iskop tiegħu huwa li jiffaċilita soluzzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet ġusti skont il-Kap. 452 biex kemm jista' jkun, ir-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol ikunu armonjuzi. L-lstat jinvesti biex dan iseħħ u diversi nies jimpenjaw ruħhom biex dan l-aspett tal-ġustizzja isir sewwa u fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk*

*meta xi parti tagħżel li tastjeni lilha nnifisha minn proċess bħal dan u / jew tonqos milli tavża lit-Tribunal b'xi predikament li jista' jkollha li jġegħelha tastjeni lilha nnifisha mill-proċess, għal darba, tnejn, tlieta, it-Tribunal ma jistax ma jikkonsidrax dan l-aġir bħala disrispett lejn l-istituzzjoni tat-Tribunal Industrijali. It-Tribunal iwissi li dan ma jkunx tollerat.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal jinnota li l-kuntratt tal-impjieg datat 11 ta' Diċembru 2017, 'Appendix II' Artiklu 1.3 jagħti lista estensiva tal-obbligi, mistennija minngħand l-impjegat Christian Larsson, fuq il-post tax-xogħol.*

*Jinnota wkoll li Artiklu 12 tal-istess 'Appendix II' jittratta Termination fejn jingħad li "The Company may, by giving notice in writing, forthwith terminate this agreement and the employment hereunder if the Employee shall at any time" u hawn jingħata elenku pjuttost twil ta' nuqqasijiet li jekk isiru jistgħu jwasslu ghal terminazzjoni tal-impjieg.*

*It-Tribunal eżamina d-dokumenti sottomessi, b'mod partikolari Dok CL - 2, u sab li fl-email tagħha tad-29 ta' Awwissu 2018, Sandra Lopez 'HR Administrative' tas-soċjetà HeliMalta Company Ltd, ma ssemmi l-ebda każ fejn ir-rikorrenti Christian Larsson naqas li jonora xi wiehed mill-obbligi tiegħu taħt l-Artiklu 1.3 tal-Appendix II u anqas ma ssemmi xi nuqqas li skond l-artiklu 12 Termination ta' l-istess Appendix II seta' wassal għat-terminazzjoni ġusta tal-impjieg tar-rikorrent Christian Larsson.*

*Għalhekk, it-Tribunal ikkonsidra li fl-atti ma kien hemm xejn li juri li xi darba r-rikorrent Christian Larsson ingħata twissija verbali jew bil-miktub dwar l-imġiba tiegħu.*

*It-Tribunal innota s-salarju kif stabbilit fil-kuntratt tal-impjieg datat 11 ta' Diċembru, 2017, 'Appendix I', kif ukoll il-per diems elenkati f''Appendix 1' fejn jingħad li il-Basic Per Diem (i) for each effective day of work when in mission, in the country where is the official headquarters / main base of the Clients location, or Day Off; u d-Daily Per Diem (ii) for each effective day of work when in mission; not in the official Headquarters / country where the main base is located, for the aforementioned). Kien innotat u kkonsidrat ukoll li Appendix I juri li il-basic per diem and daily per diem will be payable only if the Employee is on a mission filwaqt li taħt il-parti tal-kuntratt tal-impjieg "General Terms & Conditions" Artiklu 3.3 u 4.3 jgħidu li "In case of termination of employment, the amount in question will not, under any circumstance, constitute an integral part of an eventual settlement or severance package as provided by law, acknowledged by this agreement".*

*It-Tribunal jinnota wkoll li Artiklu 2.1 tal-kuntratt tal-impjieg 'Appendix II' jispjega li salaries increases shall be related to performance. The Employer is not obliged to grant automatic salary increases. Fl-istess ħin it-Tribunal ikkonsidra li ż-żieda għall-*

*għoli tal-ħajja u l-bonuses statutorji huma mandatorji, u jridu jitħallsu mill-prinċipal lil kull impjegat skont il-liġi.*

*Kien innotat ukoll li r-rikorrent Christian Larsson għandu professjoni li permezz tagħha huwa relattivament faċli li jsib impjieg ieħor fl-istess kategorija b'benefiċċcji simili għal dak Ii kellu mal-kumpannija HeliMalta Company Ltd. In fatti it-Tribunal ikkonsidra li r-rikorrent Christian Larsson għamel xogħol freelance bejn Ottubru ta' 2018 u Frar tal-2019 kif ukoll kien ikkonsidrat li I-istess Christian Larsson sab u għandu mpjieg full time mill-1 ta' Marzu, 2019."*

**Ir-Rikors tal-Appell**

5. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-23 ta' April, 2019, fejn filwaqt li tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata, tressaq is-segwenti aggravju għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti - illi t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq nuqqas ta' prova rigward twissija verbali jew bil-miktub dwar l-imġiba tar-rikorrenti, dan wara li l-istess Tribunal iddikjara li sema' u kkonsidra biss evidenza mressqa mir-rikorrent, u qal ukoll li meta waħda mill-partijiet tonqos milli tavża lit-Tribunal b'xi predikament li jista' jkollha li jġegħelha tastjeni lilha nnifisha mill-proċess, għal darba, darbtejn, tlieta, it-Tribunal ma jistax ma jikkonsidrax dan l-aġir bħala disrispett lejn it-Tribunal.

**Ir-Risposta tal-Appellat**

6. L-appellat wieġeb għal dan waqt it-trattazzjoni permezz tal-avukat difensur tiegħu, fejn sostna li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier

tagħha u ta r-raġunijiet tiegħu għal dan, liema raġunijiet ser jiġu kkunsidrati aktar ’l isfel f’din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta, flimkien mar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl ta’ dak li kkunsidra u ddeċieda t-Tribunal.

8. L-appellanta tispjega l-aggravju tagħha billi tgħid li hija ġiet notifikata bl-avviż tas-smigħ, iżda kien hemm diffikultà li għalkemm ġiet notifikata fir-*registered address*, peress li d-diretturi tagħha huma barranin, kien hemm diffikultà bil-lingwa, kif ukoll diffikultà sabiex issir komunikazzjoni magħhom biex dawn jagħtu struzzjonijiet dwar din il-kwistjoni. Fit-8 ta’ April, 2019 is-soċjetà appellanta ppreżentat rikors fl-atti tat-Tribunal fejn ġie spjegat dan kollu u s-soċjetà appellanta talbet li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza u tingħata l-opportunità li tressaq il-provi tagħha.

9. Permezz ta’ digriet tat-8 ta’ April, 2019 it-Tribunal ċaħad it-talba tas-soċjetà appellanta u għadda sabiex jiddeċiedi l-mertu ta’ din il-vertenza permezz ta’ deċiżjoni mogħtija fit-12 ta’ April, 2019.

10. Is-soċjetà appellanta ssostni li hija ma ngħatax smigħ xieraq mit-Tribunal peress li dan ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq in-nuqqas ta’ prova ta’ xi twissija verbali jew bil-miktub dwar l-imġiba tar-rikorrenti, filwaqt li ddikjara li sema’ u kkunsidra biss evidenza mressqa mir-rikorrent. Dan minkejja li s-soċjetà appellanta kienet għamlet talba lit-Tribunal fejn spjegat iċ-ċirkostanzi li wasslu

għan-nuqqas tagħha li tippreżenta risposta u fejn talbet il-permess tat-Tribunal biex tiġi awtorizzata tressaq ir-risposta tagħha, liema talba ġiet miċħuda. Barra minn hekk is-soċjetà appellanta tikkontendi li huwa wkoll nuqqas ta' smigħ xieraq fil-konfront tagħha d-difetti fin-notifika jew il-fatt illi minħabba d-diffikultà fin-notifika, is-soċjetà appellanta ma kellhiex opportunità reali u tanġibbli li tiddefendi ruħha, u meta ppruvat taġixxi biex tiġi ammessa sabiex tressaq il-provi, din it-talba ġiet miċħuda.

11. Min-naħa tiegħu l-appellat laqa' għall-aggravju tas-soċjetà appellanta billi qal illi l-fatt li d-diretturi tas-soċjetà appellanta huma ċittadini Portugiżi mhux residenti f'Malta, ma jagħmel l-ebda differenza għall-fatti legali tal-każ, għax jekk kumpannija tagħżel li tirreġistra ruħha f'Malta, trid toqgħod għal-liġijiet ta' Malta. In-notifika tar-rikors promotur lis-soċjetà appellanta saret fir-*registered office* tagħha, u sakemm ma jkunx ġie stipulat mod ieħor fil-kuntratt, billi jiġi indikat uffiċċju ieħor għal skopijiet ta' notifiki, in-notifika tar-rikors promotur fir-*registered office* tal-kumpannija għandha titqies li hija valida għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

12. L-appellat jirrileva wkoll illi dak li tipprovdi l-liġi proċedurali tagħna dwar traduzzjonijiet ta' atti ġudizzjarji japplika biss fejn xi waħda mill-partijiet tkun barranija u mhux kumpannija reġistrata f'Malta. L-appellant jgħid li s-soċjetà appellanta kellha tkun organizzata kif suppost billi tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex meta tiġi notifikata b'atti ġudizzjarji, tkun tista' twieġeb b'mod effiċjenti.

13. Il-Qorti kkunsidrat dak illi ġie sottomess mis-soċjetà appellanta li peress li d-diretturi tagħha huma barranin u kien hemm diffikultà bil-lingwa, ma kienx faċli li ssir komunikazzjoni magħhom biex dawn jagħtu struzzjonijiet dwar din il-kwistjoni. Il-Qorti tqis li dak li stqarret is-soċjetà appellanti diffiċilment jitwemmen u xejn mhuwa kredibbli, tenut kont li dawn il-proċeduri ġew istitwiti fit-18 ta' Diċembru, 2018 u kien biss erba' xhur wara, fit-8 ta' April, 2019, li s-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tagħha għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex tipprova tiġġustifika n-nuqqas tagħha għalfejn ma ppreżentax ir-risposta għar-rikors promotur entro t-terminu mogħti lilha u ma dehritx waqt is-smigħ tal-każ. Il-Qorti tirrileva li dan ma kienx każ fejn it-terminu mogħti għar-risposta kien skada bi ftit ġranet jew fejn ir-rikors sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja tagħha ġie ppreżentat mal-ewwel opportunità. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tagħha xhur wara l-ewwel seduta u meta l-każ kien diġà mħolli għal deċiżjoni, u wara li kienu ngħataw diversi differimenti.

Mhuwiex kontestat illi s-soċjetà appellanti ġiet validament notifikata bl-att promotur għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Barra minn hekk din il-Qorti tqis li d-diretturi tas-soċjetà appellanta legalment ma kellhomx dritt għal traduzzjoni tal-atti ta' dan il-każ ġaladarba ma kinux huma l-partijiet intimati quddiem it-Tribunal, imma kienet is-soċjetà appellanta l-parti konvenuta f'dawn il-proċeduri. Il-fatt li f'dan il-każ is-soċjetà appellanti kienet għalkollox assenti kemm mill-parti bil-miktub u kemm mill-parti orali ta' dawn il-proċeduri, taħti għalih biss is-soċjetà appellanta, li kienet obbligata li bħala parti mill-istrutturi tan-negozju tagħha f'Malta, tiżgura li jkollha l-arranġamenti meħtieġa biex

meta tiġi notifikata b'atti ġudizzjarji, tkun tista' twieġeb għalihom b'mod effiċjenti u entro t-terminu mogħti lilha. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-kontumaċja kienet waħda volontarja u kolpuża u bl-ebda mod ma kienet ġustifikata. Il-Qrati tagħna jirritjenu illi:

> "Il-ġurisprudenza interpretattiva stabbliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumaċja kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment leġittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilità jew f'diffikultà gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."[1]

Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell billi tiċħdu filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal, u dawk tal-appell odjern ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

---

[1] App. S., **Noel Calleja et *vs.* Middle Sea Valletta Life Assurance**, 29.01.2005.